*Harsa Lejn....*

# IL-POPLU QORMI FIS-SEKLU SITTAX



*Joseph F. Grima*

Qatt ħsibtu kif kien Ħal Qormi bejn ħames mija u sitt mitt sena ilu? Taħsbu li llum ir-raħal tagħna hu l-istess bħalma kien fil-Medju Evu tardiv, jiġifieri f'dawk il-mitt sena qabel ġew il-kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530? Naħseb li kulħadd jaqbel li kieku kellna mmorru lura dawn is-snin kollha u nżuru lil Ħal Qormi f'dak iż-żmien konna naraw raħal ħafna differenti milli naraw illum.

**Popolazzjoni**

L-ewwel nett nosservaw li l-parti abitata ta' raħalna kien ħafna ħafna iżgħar milli hu llum u xhieda ta' dan hi l-qabża kbira fil-popolazzjoni. Skond l-aħħar ċensiment li sar fil-gżejjer Maltin f'Novembru 1995, kien hawn 17,694 ruħ jgħixu f'Ħal Qormi. Qabblu din il-figura man-numru ta' Qormin fis-seklu ħmistax u l-paragun joħroġ waħdu: fl-1419 - madwar 510; fl-1424 - madwar 540; fl-1483 - madwar 650.

Forsi tgħiduli: *"Dawn il-figuri mnejn ġew? Mela kien hemm xi ċensiment dak iż-żmien?"* Le, ma kien hemm ebda ċensiment iżda jeżistu figuri u ċifri ta' nies li permezz tagħhom nistgħu nikkalkulaw in-numru ta' abitanti.

Tajjeb li nkunu nafu li dak iż-żmien kull raġel ta' bejn is-16 u l-65 sena, sakemm ma kienx marid, kien obbligat jagħti sehmu fid-Dejma, ir-riġment Malti li, permezz ta' *roster*, kien jgħasses ix-xtut biex jagħti l-allarm f'każ ta' xi nżul mill-furbani Misilmin. L-eqdem lista ta' dawn is-suldati *part-time* hi datata 1419 u fiha nsibu mhux anqas minn 102 Qormin li kienu fid-Dejma. L-istudjużi kkalkulaw, wara tiftix xjentifiku, li jekk dawn il-figuri tad-Dejma jimmoltiplikawhom b'ħames darbiet, jaslu qrib ħafna għan-numru ta' abitanti. Hu minn hekk, allura, li naslu għall figura ta' 510 persuna - 102 x 5 = 510. Fl-1424, il-Qormin fid-Dejma żdiedu għal 108; allura, l-popolazzjoni kienet ta' madwar 540.

Fil-1483, għandna lista oħra magħrufa bħala tal-*angara.* Din kienet lista ta' rġiel , bl-istess eta' tad-Dejma, li kellhom jaħdmu b'xejn għall-gid tal-pajjiż, jiġifieri għal xi ftit jiem fis-sena fuq, ngħidu aħna, tiswijiet tas-swar tal-Imdina jew xi toroq ewlenin. F'din il-lista tal-1483 kien hemm 130 Qormi li, allura, meta nużaw l-istess *multiplier* ta' 5 kif diġa' spjegajt, twassalna għall figura ta' madwar 650 abitant.

**Kunjomijiet:**

U forsi hawnhekk wieħed jistaqsi jekk dawn in-nies dak iż-żmien kellhomx l-użanza ta' kunjom bħal dan iż-żmien u x'kienu l-aktar ismijiet komuni. Uħud mill-kunjomijiet tas-seklu ħmistax illum spiċċaw u mgħadniex nisimgħuhom aktar la f'Ħal Qormi u lanqas f'partijiet oħrajn ta' Malta. Dawn jinkludu: Cadus, Cutiti, Fauchellu, Galata u Felu. Il-Kunjom Xara m'għadux jeżisti f'Ħal Qormi u llum hu biss parti minn xi kunjomijiet ta' nobbli Maltin. Iżda oħrajn għadhom magħna sallum: Attard, Azzopardi, Bigeni, Bonavia, Bonnici, Camenzuli, Camilleri, Cardona, Caruana, Cassar, Chetcuti, Ciantar, Consiglio, Curmi, Debono, Delia, Frendo, Falzon, Galdes, Grech, Grima, Mangion, Mula, Muscat, Sacco, Schembri, Spiteri, Stafrace, Vella, Xiberras u Zammit. L-aktar kunjom komuni kien Schembri għax kien hawn 9 irġiel b'dan il-kunjom, nofs it-total ta' Malta kollha. Wara Schembri nsibu Falzon bi 8, u Cassar b'6. Ta' min isemmi li l-kunjom Curmi nsibuh darbtejn biss minkejja l-fatt li Ħal Qormi dak iż-żmien kien magħruf bħala *Curmi.*

Ninnotaw wkoll li l-mod kif kienu jinkitbu xi kunjomijiet kien ivarja, min ftit u min wisq, minn kif nispelluhom illum u ta' dan nagħtu eżempji: Atardu (Attard); Fauzuni (Falzon); Haiuz (Aguis); Skembri (Schembri); Carduna (Cardona); Bunnichi (Bonnici); Azupardu (Azzoppardi); Grecu (Grech); Maniuni (Mangion). Oħrajn bħal, ngħidu aħna, Caruana, Cassar, Vella, Grima u Spiteri baqgħu jinkitbu eżattament l-istess.

**Ismijiet:**

Meta niġu għall-ismijiet tal-irġiel Qormin tad-Dejma nsibu varjetà kbira u, kif wieħed jista' jaħseb, ħafna minnhom kienu msemmijin għall-qaddisin: Ġwanni (7), Anton (6), Nikol (6), Indri' (5), Tumas (5), Federiku (5), Nardu (4),

Tkompli paġna 87

Lawrenz (4) u Wistin (4). L-isem *Manfré*, li ma nsibuhx daż-żmien ħlief bħala kunjom u jista' jkun li hu taqsir tal-isem *Manfredi*, jissemma' 5 darbiet. Kien hemm ismijiet oħrajn li llum ma nsibuhomx bħal Muni (1), Pachi (1) u Lenzu (2), b'dan ta' l-aħħar forsi taqsir jew forma oħra ta' Lawrenzu. Fil-fatt, fost ismijiet oħrajn fil-qosor insibu Lemu (2) flok Gulliermu (*William* bl-Ingliż). Ovvjament, hemm diversi ismijiet oħrajn iżda żgur li l-aktar wieħed stramb għalina kien *Carnevali*. Dan l-isem insibuh 4 darbiet f'Malta fis-sena 1419 - darba f'Ħal Qormi u 3 darbiet fin-Naxxar - u hu xhieda ħajja li l-karnival kienet festa diġa' eżistenti f'Malta ta' dak iż-żmien. Ħaġa stramba hi li ma nsibu lanqas Ġorġ (Jorgi) wieħed f'Ħal Qormi għalkemm kien hemm 9 f'Malta kollha, figura li fl-1483 telgħet għal 34, xhieda ta' żjieda fid-devozzjoni lejn dan il-qaddis.

**Bdiewa**

U x'kienu jaħdmu l-aktar dawn l-antenati tagħna ta' 'l fuq minn ħames sekli ilu? Id-dokumenti eżistenti juru biċ-ċar li għadd sewwa ta' Qormin kienu jaħdmu fl-għelieqi ta' madwar ir-raħal, u r-raba' f'postijiet bħall-Imrieħel, l-Għarram, L-Għammieri, Tal-Bajjada, Il-Marsa, Santa Venera, bejn il-Furjana u l-Belt, ta' Braqxija, Wied is-Sewda, Tal-Ħlas, eċċ. Dan hu magħruf l-aktar mill-Arkivju tal-kattidral fejn hemm ir-reġistri tal-ħlas tal-għexur lid-Dekan u/jew lill-Arċidjaknu. Iżda għalkemm kien hawn ħafna bdiewa bl-art x'jaħdmu, kien hawn oħrajn li ma akkwistawx qbiela u allura kienu jbatu aktar biex jaqilgħu l-għixien tagħhom.

Iżda jidher ukoll li meta xi ħadd - mir-raħal jew barrani - kien jipprova jgħolli rasu u jikser id-drittijiet ta' ħaddieħor u jhedded il-qliegħ tal-għajxien tagħhon, kienu jkunu lesti jagħtu s-sehem tagħhom biex ixejnu dan it theddid.

**L-Aspett Reliġjuż**

M'hemm l-ebda dubju li dawn il-Qormin tal-qedem kienu wkoll marbutin mal-parroċċa tagħhom. M'għandna ebda tagħrif dwar il-knisja parrokkjali li kienet teżisti fl-1436 meta tissemma' għall-ewwel darba fir-Rollo tal-Isqof Senatore de Mello għajr li d-dħul tal-kappillan, li dak iż-żmien kien Dun Marku de Torrante, kien ta' 12-il uqija li kienet somma sabiħa għal dak iż-żmien. Madankollu, hu magħruf li fl-1456, fi żmien il-kappillan Gulju Lombardo, il-knisja jew ·tkabbret jonkella nbniet waħda oħra ġdida bħalma tixhed skrizzjoni lapidali medjaveli fil-knisja preżenti li minnha nafu wkoll l-ismijiet taż-żewġ prokuraturi tal-knisja: Mattew Cassar u Pietru Camilleri.

Din il-knisja medjevali x'aktarx kienet fl-istil dominanti taż-Zminijiet tan-Nofs jiġifieri b'korsija msaqqfa bi ħnejja jispiċċaw bil-ponta. Kellha bħala titular trittiku tad-Duluri, San Ġorġ u San Girgor, artal dedikat lil Santa Marija, Fratellanza ta' Santa Marija, u fiha kien isir id-dfin. Imissu mal-knisja kien hemm żewġ kappelli, tal-Lunzjata u ta' San Mikiel. li twaqqgħu biex inbniet il-knisja preżenti fl-1584.

INTERNATIONAL AUTO CENTRE

*Dealers of new and second hand cars*



INTERNATIONAL AUTO PARTS

Autos

Importers, wholesalers and retailers for cars, light and heavy commercial spare parts.

GA

*Sub Agents for General Accident Insurance*

MCM MICALLEF

177/226 MDINA ROAD, QORMI TEL/FAX 491671